PAPAT TAS-SEKLU 11

PAPA PASKAL II (1099 – 1118)

Is-successur ta' Urbanu II kien Rainerius, patri gentili li gie maghzul papa fi zminijiet ta' l-inkwiet. Ma kellux interess jew inklinazzjoni li jsir papa, madankollu acceta l-l-ghazla bilfors.

Twieled gewwa Blera hdejn Faenza fl-Italja. Sa minn zoghzitu kien patri u meta l-monasteru tieghu baghtu Ruma, Girgor VII ra fih bniedem promettenti u hatru kardinal sacerdot ta' San Klement. Gie mahtur superjur ta' San Lawrenz. Huwa qed dmirijiet ta' legat tal-papa u wara l-mewt ta' Urbanu II gie maghzul floku. Biex ma jaccettax harab imma meta nstab regghu haduh lura Ruma. Prattikament sfurzat biex jaccetta l-papat ha l-isem ta' Paskal II.

Paskal kien bniedem ta' paci u deher li zminijietu kienu ser ikunu zminijiet bla problemi u nkwiet. Neriku IV ghal-ewwel abdika s-setgha tieghu ta' imperatur u imbaghad miet. Neriku V, ibnu, kecca' lil missieru biex lahaq hu re u wieghed hafna affarijiet lill-knisja. Imma darba tela' fuq it-tron ta' imperatur, biddel wiccu. Kien imperatur hazin daqs missieru. Paskal ikkundana l-indhil tal-lacji fl-affarijiet tal-knisja. Neriku V beda' riesaq lejn Ruma b'zewg ghanijiet: li jkun nkurunat re u jitlob il-permess biex jindahal fil-hwejjeg tal-knisja li f'dawk iz-zminijiet kien l-indhil fil-ghazliet ghall-postijiet tat-tmexxija ekklesjatika.

Paskal ghamel attentat rivoluzzjonarju biex iqaccat dan l-inkwiet ta' l-investitura sekulari darba ghal dejjem billi talab lin-nies tal-knisja li jaghtu lura l-propjeta' fewdali taghhom. Imma kif ser jghixu? Bil-karita'. Haseb li s -soluzzjoni kienet wahda semplici u attraenti. L-isqfijiet u s-superjuri li kienu maghzula mill-istat raw dalma quddiemhom u futur ikrah, filwaqt li Neriku V ma ghogbitu xejn din l-idea. Kienet tghogbu l-idea li jkun hemm mexxejja tal-knisja maghzula mill-istat ghax b'hekk hu seta jikkontrollhom. Ittini u ntik lura.

Il-proposta tal-papa kienet qed tigi kunsiderata. Sadanitant Neriku dahal bil-paci f'Ruma fit-2 ta' Frar

tas-sena, 1111. Imma meta resaq iz-zmien ghal-inkurunazzjoni ta' Neriku V, il-problema spoldiet f'inkwiet gewwa San Pietru. Il-Germanizi ma riedux jisimghu bil-pjan ta' Paskal li jaqta' lill-knisja minn taht idejn ir-rabta fewdali. Bir-rabja kollha talbu li Neriku jkun nkurunat bla dewmien. Meta Paskal irrifjuta Neriku hatfu prugunier. Il-kardinal ta' Tusculum gabar warajh lir-Rumani u Sforza lil Neriku biex jhalli lir-Ruma. Imma hu kaxkar mieghu lill-papa. Meta l-helsien tal-papa deher impossibbli Neriku hedded li jqatta' lill-kumpanni tal-papa. Ghal dan it-theddid il-papa ceda' u ta dak li Neriku ried: is-setgha li jaghzel il-mexxejja tal-knisja. Neriku heles lill-papa, wasslu Ruma u gie nkurunat imperatur f'April 13 tas-sena 1111.

Dak li sehh qanqal hafna ghajdut, xi uhud korretti ohrajn foloz. Akkuzawh li kien dghajjef li kien veru u akkuzawh li kien eretiku, li kien falz. Il-papa nehha minn fuq l-abiti papali u harab lejn gzira dezerta. Meta l-partit tar-riforma nduna b'dan fittxu u gabu lura. Huma ghamlu pressjoni fuq Paskal biex jirrevoka l-koncessjoni ta' Neriku ghax din kienet moghtija lilu minghajr ebda volonta' libera u ghal darb'ohra jikkundanna l-indhil lajk.

Ghal xi snin Paskal gawda zmien ta' paci billi Neriku kien impenjat fil-Germanja, imma fis-sena 1117 l-imperatur

ha lura lir-Ruma. Paskal harab lejn Benevento imma ftit wara rritorna lejn Ruma. Huwa miet hemm fil-21 ta' Jannar tas-sena 1118. Ghalkemm Paskal kellu pontifikat turmentat kellu sodisfazzjon li jara l-kwestjoni ta' l-indhil lajk kontrollata minn Neriku I u San Anselmu gewwa l-Ingilterra.